MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 287/2003

**Alfred Gera & A Sons Limited**

**Vs**

**Mario Casingena u Anna Casingena ezercitanti l-kummerci taht l-isem Casingena & Co**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' attrici tiddistribwixxi u tbiegh f'dan it-territorju prodotti, fosthom *baby feeding bottles* taht il-marka *Avent* u ilhom jaghmlu hekk ghal diversi snin;

Peress illi l-konvenuti li joperaw that l-isem Casingena & Co ukoll jiddistribwixxu u jbieghu f'dan it-territorju *baby feding bottles* taht il-marka
*Dr Brown's* u ghalhekk il-partijiet huma kompetituri ta' xulxin;

Peress illi l-konvenuti dan l-ahhar gimghat bhala reazzjoni ghal ittra cirkolata mal-ispizeriji (kopja Dok. A) mis-socjeta' attrici hargu u ccirkolaw ittra u informazzjoni taht il-firma tal-konvenuta Anna Casingena mal-ispizeriji kollha ta' Malta u Ghawdex, (originali Dok. B), fejn gie allegat li xi nformazzjoni li s-socjeta' attrici, li ssemmiet b'isimha fl-ewwel linja, tat lill-istess spizeriji hija *self-contradictory* u kompliet biex allegat li l-*feeding bottles* li tbiegh is-socjeta' attrici jistghu taht certi cirkostanzi jirrillaxxaw (leaching) kimika bl-isem Bisphenol A li hija *toxin*;

Peress illi s-socjeta' attrici fl-ebda hin ma kkritikat il-prodott mqassam mill-konvenuti izda limitat ruhha ghad-difiza tal-prodott mqassam minnha;

Peress illi l-allegazzjonijiet maghmula mill-konvenuti jammontaw ghal ksur tal-artiklu 34 tal-Kap. 13 (Kodici tal-Kummerc) inkwantu l-ittra li giet cirkolata hija kapaci li tippregudika n-negozju tas-socjeta' attrici;

Peress illi a' tenur tal-Artiklu 37 (1) Kap. 13, is-socjeta' attrici ghandha dritt titlob li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu penali minhabba dan l-agir illegali;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-ittra u l-informazzjoni, kopja Dok. A, mahruga mill-konvenuti that il-firma ta' Anna Casingena tammonta ghal konkorrenza projbita taht l-artiklu 32 Kap. 13;

2. Tistabbilixxi penali skond ic-cirkostanzi tal-kaz ta' mhux inqas minn ghaxar liri (Lm10) u mhux izjed minn hames mitt lira (Lm500) a' tenur tal-artiklu 37 (3) Kap. 13;

3. Tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom ihallsu l-penali hekk stabbilita';

4. Tordna li l-ittra kollha mqassma jew le jigu distrutti u/jew fid-diskrezzjoni taghha taghti rimedju iehor biex il-pozizzjoni tas-socjeta' attrici terga' tigi repristinata;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti solidalment bejniethom ingunti minn issa in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol. 21 tal-process fejn eccepew:**

1. Illi preliminarjament, it-talbiet attrici fil-konfront ta' l-eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici, stante illi n-negozju ezercitat taht l-isem Casingena & Co. huwa gestit mhux mill-eccipjenti personalment izda mis-socjeta' Wejna Company Limited;

2. Illi ghalhekk, in kwantu illi huma ma baghtu l-ebda ittra fil-kwalita' premessa fic-Citazzjoni odjerna, l-eccipjenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghall-permess, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici stante illi l-informazzjoni kontenuta fl-ittra ezebita bhala Dok. B mac-citazzjoni odjerna, ma tikkostitwix konkorrenza sleali, in vista tal-fatt illi l-informazzjoni in kwistjoni hija ta' nteress pubbliku generali in kwantu tittratta rizultati ta' ricerka medika fil-qasam tas-sahha tat-trabi;

**4.** Illi r-ricerka in kwistjoni, li llum tifforma l-mertu ta' diversi rapporti u dibattiti pubblici, skond kif jirrizulta mir-rapport li kopja tieghu jinsab hawn anness, ezebit u mmarkat bhala **Dok. MC**, kif ukoll mill-artikolu ppubblikat mill-World Wildlife Fund li kopja tieghu jinsab hawn anness, ezebit u mmarkat bhala **Dok. MC1**, hija ntiza specifikament ghall-informazzjoni u sigurta' pubblika

generali, u ghalhekk, il-publikazzjoni jew tqassim ta' informazzjoni f'dan ir-rigward ma jista' qatt jikkostitwixxi konkorrenza sleali ai termini ta' l-Artikolu 34 tal-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta;

**5.** Illi minghajr pregudizzju ghall-permess, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici stante illi mhux minnu illi fl-ittra mibghuta mis-socjeta' attrici, ezebita bhala Dok. A mac-citazzjoni odjerna, l-istess socjeta' attrici llimitat ruhha biss ghad-difiza tal-prodott taghha, kif minnha allegat, u effettivament saret referenza ndiretta izda facilment identifikabbli, ghan-negozju gestit that l-isem Casingena & Co., liema negozju gie effettivament identifikat mill-istess ittra, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

**6.** Illi ghalhekk, in kwantu illi l-ittra mibghuta taht l-isem Casingena & Co. kienet biss reazzjoni ghall-kontenut ta' l-ittra ezebita bhala Dok. A, mibghuta spontanjament mis-socjeta' attrici, hija l-ittra ta' l-istess socjeta' attrici illi ghandha titqies bhala kapaci illi tippregudika n-negozju gestit taht l-isem Casingena & Co., u illi tikkostitwixxi konkorrenza sleali ai termini ta' l-Artikolu 34 tal-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta;

**7.** Illi f'dan ir-rigward, l-eccipjenti jirrizervaw minn issa kull azzjoni lilhom kompetenti fil-konfront tas-socjeta' attrici, ghad-danni kollha minnhom sofferti u li jistghu talvolta jigu subiti bhala konsegwenza ta' l-azzjonijiet tas-socjeta' attrici, kif fuq premess.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

**Legittimu kontradittur**

Permezz tal-ewwel eccezzjoni l-konvenuti qed jeccepixxu li huma ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante illi n-negozju ezercitat taht l-isem

Casingena & Co huwa gestit mis-socjeta’ Wejna Company Limited u mhux mill-eccipjenti personalment.

L-eccipjenti jsostnu li s-socjeta’ minnhom citata, u cioe’ Wejna Company Limited, topera zewg negozji, wiehed wholesale taht l-isem Casingena & Co permezz ta’ liema timporta baby feeding bottles tal-marka Dr.Browns u tiddistribwixxi u tbiegh dawn il-bottles fuq is-suq lokali u l-iehor bl-isem ‘The First Years’ permezz ta’ liema topera retail oultet fejn jinbieghu oggetti varji relatati mat-trabi.

Mill-provi rrizulta li s-socjeta’ attrici effettivament bieghet kwantitatijiet sostanzjali ta’ baby feeding bottles tal-marka Avent lil hanut ‘The First Years’ tul is-snin sabiex l-istess jinbieghu lill-konsumatur mill-imsemmi retail outlet.

L-ittra li dwarha qed tilmenta s-socjeta’ attrici u li tifforma l-mertu ta’ din il-kawza, u cioe’ dik mibghuta lill-ispizeriji u outlets li jbieghu baby products f’Malta u Ghawdex, li tinsab esebita a fol. numru 11 tal-processs, tirrizulta li giet mibghuta mid-ditta Casingena & Co. u hija ffirmata minn Anna Casingena fil-kwalita’ taghha ta’ Marketing and Sales Director. F’din l-ittra imkien ma nsibu ndikat l-isem tas-socjeta’ Wejna Company Limited.

L-azzjoni ezercitata mis-socjeta’ attrici fil-kawza odjerna hija dik stabbilita fl-Artikolu 34 tal-Kap. 13 u li tikkontempla tixrid ta’ notizji bi hsara ta’ kummercjanti ohra. In-natura ta’ din l-azzjoni hija wahda ta’ tort u mhux marbuta ma ebda relazzjoni kontrattwali bejn il-partjiet. Kif diga’ ntqal aktar il-fuq l-ittra li dwarha qed tilmenta s-socjeta’ attrici fejn hija ssostni li gew imxerda notizji li setghu jikkaawzawlha danni giet mibghuta minn Anna Casingena fil-kwalita’ taghha ta’ Marketing & Sales Director tad-ditta Casingena & Co. u imkien ma hemm indikat li l-istess ittra kienet qed tintbghat minnha fil-kwalita’ taghha ta’ direttur tas-socjeta’ Wejna Company Limited. Il-fatt li s-socjeta’ attrici setghat wkoll kellha relazzjoni kontrattwali mal-imsemmija ditta in kwantu jirrigwarda bejgh ta’ prodotti ghall-hanut “The First Years’ hija ghal kollox irrilevanti ghal finijiet ta’ l-azzjoni odjerna li hija ben distinta mir-relazzjoni kontrattwali msemmija. Fuq kollox il-konvenuti

stess isostnu li n-negozju gestit mid-ditta Casingena & Co u dak gestit permezz tal-hanut ‘The First Years’ huwa diffferenti u ben distint.

Ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija il-Qorti tiddeciedi li l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti ghandha tigi michuda.

**FATTI**

Mill-provi rrizulta li s-socjeta’ attrici timporta, tiddistribwixxi u tbiegh fuq is-suq lokali baby feeding bottles tal-marka AVENT. Il-konvenuti permezz tad-ditta Casingena & Co. huma wkoll importaturi u distributuri fuq is-suq lokali ta’ baby feeding bottles tal-marka Dr. Brown’s.

Fit-18 ta’ Dicembru 2002 is-socjeta’ attrici kienet baghtet ittra (esebita a fol. 5) lill-ispizeriji u outlets li jbieghu baby care products f’Malta u Ghawdex fejn kienu jinbieghu il-prodotti taghha tal-marka Avent. F’din l-ittra is-socjeta’ attrici ghamlet referenza ghal rapporti u allegazzjonijiet maghmula minn agent lokali dwar is-sigurta’ ta’ l-uzu tal-materjal imsejjah polycarbonate fil-baby feeding bottles u ddikjarat li dawn l-allegazzjonijiet kienu infondati.

Is-socjeta attrici annettiet mal-ittra taghha zewg rapporti, wiehed rilaxxjat minn Bayer AG u l-iehor rilaxxjat mill-European Chemical Industry Council fejn gie stabbilit li l-uzu tal-polycarbonates huwa ‘safe for its intended use’ u li l-allegazzjonijiet rigwardanti dan il-materjal huma infondati.

Sussegwentement id-ditta konvenuta iccirkolat ittra lill-istess spizeriji u outlets fejn ghamlet referenza ghall-ittra mibghuta mis-socjeta’ attrici u ddikjarat li l-kontenut ta’ dik l-ittra kien kontradittorju. Hija semmiet il-prodott tas-socjeta’ attrici bl-isem, qalet li dan huwa maghmul mill-polycarbonate u qalet ukoll li l-uzu tal-polycarbonate fil-baby bottles jirrilaxxja toxin perikoluz imsejjah Bisphenol A meta dawn jigu sterilizzati. Hija kompliet biex tghid li l-baby feeding bottles ta’ Dr. Brown’s, u cioe’ dawk minnha

importati, m'humiex maghmula mill-polycarbonate u ghalhekk ma fihom ebda Bisphenol A.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Is-socjeta' attrici tirritjeni li dan l-agir da parti tad-ditta konvenuta jikkostitwixxi att ta' konkorrenza sleali ai termini tal-Artikolu 34 tal-Kap. 13 u konsegwentement talbet lil din il-Qorti tordna dawk ir-rimedji previsti mill-ligi fl-Artikolu 37 tal-Kap. 13.

L-artikolu 34 jipprovdi s-segwenti:-

"Il-kummercjanti ma jistghux, ghal skop ta' konkorrenza, ixerrdu notizji li jistghu jaghmlu hsara lill-industrija jew kummerc ta' kummercjanti ohra"

Din l-azzjoni li torigina mill-Artikolu 2598(2) tal-Kodici Civili Taljan hija intiza biex tipprojibixxi lill-kummercjant milli jiehu vantagg mir-reputazzjoni u *goodwill* li jkun stabbilixxa kummercjant iehor billi jgieghel lill-konsumatur jahseb li l-prodotti jew servizzi minnu forniti huma ta' kwalita' ahjar minn dawk tal-kompetitur tieghu u dan a skapitu tar-reputazzjoni ta' l-istess kompetitur. Jekk kummercjant irid juri lill-konsumatur li l-prodott tieghu huwa l-ahjar fis-suq huwa jrid jaghmel dan minghajr ma jirreferi ghal xi kwalitajiet hziena li jista' jkollu l-prodott tal-kompetitur.

Huwa maghruf li r-reputazzjoni jew il-*goodwill* fid-dinja tal-kummerc huma ta' valur inestimabbli u l-azzjoni kontemplata fl-Artikolu 34 trid tipprotegi dan id-dritt propjetarju.

Mid-dicitura ta' l-Artikolu in kwistjoni jirrizulta li sabiex tirnexxi din l-azzjoni u jitqies li jkun hemm konkorrenza sleali iridu jikkonkorru s-segwenti elementi:-

1. Il-konvenut irid ikun kummercjant.

2. Huwa jrid ikun agixxa b'intenzjoni specifika.

3. Irid ikun hemm tixrid tan-notizji.

4. Dan it-tixrid tan-notizji irid ikun jista' jaghmel hsara lin-negozju tal-attur.

Il-konvenut irid ikun kummercjant

Il-Qrati Maltin dejjem interpretaw dan ir-rekwizit billi sostnew li l-konvenut mhux biss irid ikun kummercjant izda li huwa jrid ukoll ikun kompetitur ta' l-attur. "Biex ikun hemm konkorrenza illecita jehtieg li n-notizzji jigu mxerrdin minn konkorrent a pregudizzju ta' konkorrent iehor" (Curmi vs Mizzi Vol. XLI.iii.1250). Il-Qorti f'dan il-kaz irrreferiet ghall-konkorrent li jkun fl-istess linja ta' kummerc. Fil-kaz odjern ma hemm l-ebda dubju li l-partijiet huma kompetituri ta' xulxin in kwantu it-tnejn jimpurtaw u jiddistribwixxu fuq is-suq lokali *baby feeding bottles.*

**L-intenzjoni specifika**

L-intenzjoni tal-konvenut fit-tixrid tan-notizji dwar l-attur jew il-prodotti tal-attur trid tkun ghall-iskopijet ta' konkorrenza sabiex jitqies li kien hemm konkorrenza illecita. Il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet "Mizzi vs Vella' (22.1.1968) qalet is-segwenti:-

"Element essenzjali ghall-figura tal-konkorrenza sleali kontemplata fl-Artikolu 38 (issa 34) tal-Kodici tal-Kummerc huwa l-iskop tal-konkorrrenza sleali. Il-ligi tirrikjedi l-intenzjoni specifika f'min jippropaga l-fatti, jigifieri l-intenzjoni li jaghmel konkorrrenza sleali."

U qalet ukoll:-

"Ikun hemm l-iskop ta' konkorrenza kull meta l-att kontemplat f'dik id-disposizzjoni jsir, fl-ezercizzju u in konnessjoni ma l-ezercizzju tal-kummerc jew industrija ta' kummercjant bl-iskop li jippromuovi l-interessi tieghu".

Meta iit-tixrid ta' notizzji isir fl-ezercizzju tan-negozju jitqies li jkun hemm l-intenzjoni li wiehed jikkompeti jew

jikkonkorri. Il-Qrati dejjem irritenew li l-intenzjoni li wiehed jikkompeti jew jikkonkorri  jiddependi fuq ic-cirkostanzi ta' kull kaz – "Il-ligi trid illi l-intenzjoni specifika fil-propagaturi, jigifieri f'dak li jaghmel il-konkorrenza sleali, u l-apprezzament ta' dan l-element jigi dezunt mill-kumpless tac-cirkostanzi u huwa mholli ghall-arbitriju prudenzjali tal-gudikant" (Vincenti Kind vs Manche 10.13.1957 Vol. XLI.iii.1259).

Fil-kaz odjern il-Qorti jidrilha li l-konvenuti kellhom din l-intenzjoni specifika rikjesta mill-ligi fil-mument li huma baghtu l-ittra lill-ispizeriji u l-*outlets* fejn jinbieghu *baby products* ta' Malta u Ghawdex. Fl-ittra in kwistjoni d-ditta konvenuta issemmi l-prodott tas-socjeta' attrici u tghid li l-prodotti maghmula mill-*polycarbonate*, bhal ma huwa l-prodott tas-socjeta' attrici, ghandhom effetti hziena fuq is-sahha tat-trabi li jixorbu minn dawn il-*baby feeding bottles*. Inolttre id-ditta konvenuta issemmi lis-socjeta' attrici b'isimha.

Waqt it-trattazzjoni tal-kawza id-ditta konvenuta sostniet li hija kienet baghtet l-ittra biex tipprotegi l-konsumatur billi tinfurmah dwar il-konsegwenzi tal-*leaching* tal-Bisphenol A. Izda d-ditta konvenuta pero ma naqsitx milli tkompli tbiegh dana l-prodott ghalkemm kienet taf bl-effetti allegatament hziena tieghu. Il-Qorti tirrileva wkoll li d-ditta konvenuta fl-ittra taghha ghamlet riferenza specifika ghall-ittra li kienet intbaghtet precedentement mis-socjeta' attrici fejn l-istess socjeta' attrici kienet qed tirribatti xi allegazzjonijiet maghmula dwar il-prodott taghha. Huwa rilevanti li fl-ittra taghha is-socjeta' attrici ma semmietx prodotti ohra u u ghamlet biss referenza ghal xi allegazzjonijiet maghmula minn agent lokali minghajr ma semmiet min kien dan l-agent lokali jew qalet l-isem tal-prodott tieghu.

Is-socjeta' attrici gustament kienet qed tirribatti l-allegazzjonijiet li saru fuq il-prodott taghha billi saret referenza verbali ghal xi rapporti li kienu dehru fuq it-televizjoni Germaniza. Id-ditta konvenuta fil-mument li baghtet l-ittra taghha kellha l-intenzjoni li tiddenigra il-prodott tas-socjeta' attrici u bhala konsegwenza

tippromuovi l-prodott taghha li skond hi m'huwiex maghmul mill-*polycarbonate* u ghalhekk m'ghandux l-effetti perikoluzi li hija tallega li ghandu l-prodott tas-socjeta' attrici.

Ir-riferenza specifika ghall-prodott tas-socjeta' attrici u ghall-effetti perikoluzi li jista' jkollu l-uzu ta' dan il-prodott u l-paragun li ghamlet mal-prodott taghha certament saret bl-intenzjoni specifika ta' konkorrenza. Id-ditta konvenuta kienet qeda minghajr dubju tipprova tattakka r-reputazzjoni tajba li ghandu l-prodott tas-socjeta' attrici fuq is-suq Malti sabiex tippromuovi il-prodott taghha.

Fix-xhieda taghha quddiem din il-Qorti Anna Casingena tammetti li hemm rikjesta kbira fuq is-suq Malti ghall-prodott tas-socjeta' attrici meta tispjega li din ir-rikjesta kbira hija r-raguni il-ghala hija tbiegh il-prodott tas-socjeta' attrici mir-retail outlet minnha gestit.

In kwantu jirrigwarda dan ir-rekwizit tal-intenzjoni specifika irid jinghad li l-ligi ma tirrikjedix li jrid ikun hemm l-intenzjoni li jigu kawzati danni, id-danni huma biss konsegwenza tat-tixrid tan-notizji izda min jahgmel dan l-agir mhux necessarjament irid ikollu l-intenzjoni li jikkawza danni, huwa sufficjenti li jigi pruvat li huwa agixxa b'dak il-mod ghall-iskopijiet ta' konkorrenza. L-allegazzjoni tad-ditta konvenuta li fil-mument li baghtet l-ittra hija ma kellha ebda intenzjoni li tikkawza hsara lis-socjeta' attrici hija ghalhekk irrilevanti.

**It-tixrid tan-notizji**

X'jammonta ghal tixrid ta' notizzji jiddependi fuq ic-cirkostanzi ta' kull kaz u l-mezzi adoperati sabiex isir dan it-tixrid jistghu ikunu diversi bhal per ezempju riklami, ittri mibghuta lil diversi nies eccetera., izda dejjem gie ritenut li t-tixrid tan-notizji jrid jigi diivulgat lil diversi nies. F'dan il-kaz is-socjeta' attrici rnexxielha tippprova li l-ittra in kwistjoni intbaghtet mid-ditta konvenuta lill-ispizeriji u l-outlets li kienu jbieghu il-prodotti taghha. Dan il-fatt gie ammess mill-istess ditta konvenuta u ghalhekk m'huwiex

kontestat. Il-Qorti jidrilha li anki dan ir-rekwizit jirrizulta ampjament.

**Il-possibilta' li jigu kawzati danni**

Fl-azzjoni kontemplata mill-artikolu 34 huwa bizzejjed li wiehed jipprova li l-agir tal-konvenut jista' jikkawzalu danni u m'huwiex necessarju li jigi pruvati d-danni.

Fil-kawza fl-ismijiet 'Distefano vs Gauci' (16.4.1931, Vol. XXVIII.iii.7134) fil-fatt intqal li "basta la diffusione di notizie che possono recare pregudizio, perche' si attua un atto di concorrenza sleale" u fil-kawza 'Falzon Sant Manduca vs Caruana' (20.11.1979) il-Qorti tal-Appell irribadit l-sistess kuncett meta qalet li "ikun hemm kaz ta' konkorrenza sleali anki meta n-notizji jistghu jaghmlu hsara u ghalhekk mhux ta' htiega li dawn in-notizji waslu sabiex jikkawzaw il-hsara intiza".

Id-denigrazzjoni jew tmaqdir tal-prodotti ta' haddiehor sabiex bhala konsegwenza wiehed jippromuovi l-prodotti tieghu f'mohh il-konsumatur dejjem giet ritenuta bhala wahda mill-aktar kazi komuni fejn kummercjant jirrikorri ghall-azzjoni taht l-artikolu 34. Fil-kawza 'Distefano vs Gauci' citata aktar il-fuq il-Qorti rriteniet li jkun hemmm il-possibilita' li jigu kawzati danni "*quando si pubblichino notizie o si diffondono voci...sui prodotti altrui tale da poter recare discredito o pregudizio impressionandone in senso sfavorevole la clientela e diminuendo la considerazione e la fiducia*".

L-agir tad-ditta konvenuta bla dubbju seta' jippregudika l-fiducja li kellhom il-klijenti fil-prodott tas-socjeta' attrici u fil-fatt mill-provi rrizulta li diversi klijenti esprimew il-preokkupazzjoni taghhom dwar il-konsegwenzi li seta' jkollu l-prodott tas-socjeta' attrici meta rcevew l-ittra mibghuta mid-ditta konvenuta.

Huwa importanti li jigi rilevat li n-notiziji li jigu mxerrda mhux necessarjament iridu ikunu foloz. Jitqies li jkun hemm konkorrenza sleali anki meta kummercjant ixerred

notizji li jkunu veri jew li huwa ghandu ragun li jahseb li huma veri :

"L-agir tal-konvenut jikkostitwixxi konkorrenza illecita ghaliex huwa xerred notizji, anki jekk veri jew falzi xejn ma jimporta hlief ghal mizura tas-sanzjoni, billi l-ligi tahgna ma tesigiex li l-fatti divulgati jkunu falzi imma li setghu jaghmlu hsara lill-kummerc tal-attur" (27.3.1953, Vol. XXVII.ii.844).

Fil-kaz odjern id-ditta konvenuta esebiet diversi rapporti xjentifici in sostenn ta' l-allegazzjoniijiet taghha dwar il-prodotti maghmula mill-polycarbonates, kif wara kollox ghamlet is-socjeta' attrici li min-naha taghha esebiet rapporti xjentifici li jghidu l-kuntrarju ta' dak allegat fir-rapporti esebiti mid-ditta konvenuta.

Il-Qorti jidrilha li m'huwiex il-kompitu taghha li tidhol fil-mertu dwar liema minn dawn ir-rapporti jirrifletti l-verita' stante li kif diga' inghad sabiex tissusisti l-azzjoni kontemplata fl-artikolu 34 m'huwiex necessarju li n-notizji mxerrda jkunu foloz izda huwa sufficjenti li jigi pruvat li dawn in-notizji jsitghu jikkawzaw hsara lir-reputazzjoni jew goodwill tal-attur. Dan il-fatt gie debitament pruvat mis-socjeta' attrici u ghalhekk l-agir tad-ditta konvenuta ghandu jitqies li jammonta ghal att ta' konkorrenza illecita.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici
u filwaqt li tiddikjara li l-ittra mibghuta mill-konvenuti tammonta ghall-konkorrenza sleali u illecita ai termini tal-Artikolu 34 tal-Kap. 13,
a tenur tal-Atikolu 37(3) qed tistabbilixxi penali ta' Lm500.00 u tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici din il-penali.
A termini tal-artikou 37(3) il-konvenuti qed jigu ordnati sabiex sa zmien xahar mill-llum jibghatu ittra lill-ispizeriji u l-*outlets* kollha fejn jinbieghu *baby products* li lihom kienet intbaghtet l-ittra li tifforma l-mertu ta' din il-kawza, fejn huma jirtiraw ir-referenza ghall-prodott tas-socjeta' attrici,

fejn huma jiddikjaraw li jezistu rapporti konfliggenti dwar l-effetti tal-*baby feeding bottles* maghmula mill-polcarbonates u fejn jispecifikaw li huma qed jaghmlu dan fuq ordni ta’ din il-Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------